**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 109/2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Johan Armando Sanchez Arias**

Illum, it-18 ta' Gunju 2024

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Johan Armandi Sanchez Arias** ta sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Lino u Luz Mary li twieled gewwa Palmira fil-Kolombja, nhar il-5/11/1996, minghajr residenza fissa u detentur tal-karta ta' l-identita' Spanjola 49767834C.

Akkuzat talli :

1. Nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) minn gewwa l-istabbiliment Diesel, fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, Malta u/jew fi bnadi ohra f dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, u li l-valur ma jeccediex 1-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Giorgio Pidatella u Angele Brincau u/jew l-istabbiliment Diesel u/jew il- propjetarji tieghu u/jew persuna/i naturali/guridici ohra u/jew entita / entitajiet ohra;
2. U aktar talli fl-istess fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta offiza ta natura hafifa fuq il-persuna ta Giorgio Pidatella;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500),u dan ghad-dannu ta′ Giorgio Pidatella u tal-istabbiliment 'Diesel' u/jew il-propjetarji tieghu u/jew persuna/i naturali/guridici ohra u/jew entita'/ entitajiet ohra

II-Qorti giet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tinfliggi l-piena skont il-ligi, meta taghti s-sentenza jew f kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jagsmu mal-hatra ta esperti jew periti fil-proceduri, f dak iz-zmien u f dak l-ammont bhalma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija ghar-reat hawn fuq imsemmi, thaddem kontra l-hati d-dispozizzionijiet tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2024 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-23 ta' April 2024.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-6 ta' Mejju 2024.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] Fol. 7 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 8 ta' l-atti processwali
[3] Fol. 155 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 157 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna serqa aggravata mill-istabbiliment Diesel, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, nhar id-29 ta' Jannar 2024 ghall-habta tal-17:30hrs.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 xehed **PC155 Christian Bustuttil Domenici**. Spjega li l-involviment tieghu kien li jiehu r-rapport dwar l-incident meta gew jirraportaw l-ghassa tal-Belt. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li iffirmaha.[5]

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 xehed **PS 469 Andrea Genuis Sciberras**[6]. Spjega li fid-29 ta' Jannar 2024 ghall-habta tas-17:45 hrs dahal rapport minn certu Giorgio Pidatella li gie aggrdit gewwa l-hanut Diesel, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta. Ix-xhud imbaghad talab ghall-filmati CCTV u minnhom irrizulta li ragel twil ta' karnaggjon skur liebes kollox iswed dahal fil-hanut u seraq zarbun. Mill-filmati jirrizulta ukoll li l-aggressur attakka lil Giorgio Pidatella li kien qed jahdem hemm u anke ghamel hsarat fil-hanut. Iz-zarbun kien jiswa €296. Fil-5 ta' Frar 2024 l-aggressur gie intercettat u arrestat f'Tas-Sliema minn ufficjali tal-RIU. Wara ingieb fl-Ghassa tal-Belt. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla kemm mill-filmati CCTV u kemm minn meta rah fl-Ghassa tal-Belt.

[5] Dok CBD1, Folio 22-25 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 26-28 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Giorgio Pidatella** bil-lingwa Ingliza[7]. Spjega li huwa jahdem fil-hanut Fred Perry, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta u fid-29 ta' Jannar 2024 intalab jassisti l-kollega tal-hanut faccata li jismu Diesel, minhabba li kien hemm persuna qed jipprova jisraq xi oggetti. Huwa mar fil-hanut u nnota li kien hemm dan il-persuna fic-changing room. Indunaw li kien hemm par zarbun nieqes u ghalhekk talab lil dan il-persuna biex jurihom x'kellu fil-basket. Dan irrifjuta u beda jsir aggressiv u jkisser oggetti fil-hanut li kienu jikkonsistu f'lampa, mejda u alarm eletroniku. Meta x-xhud prova jwaqqfu milli jitlaq aggredih u sahansitra kissirlu n-nuccali. Jaf ukoll li l-aggressur wegga' id il-kollega tieghu u kien hemm klijent iehor fil-hanut li prova jwaqqfu. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-aggressur u spjega li kellu jirrikorri ghal assistenza medika wara dan l-episodju. In kontro-ezami ikkonferma li l-oggetti miksura jinkludu lampa, mejda u alarm eletroniku u li huwa ghamel li seta biex iwaqqaf u jirribatti lill-aggressur imma evetwalment skappa.

Fl-istess seduta xehdet **Mayra Aukeb Benejam** bil-lingwa Ingliza[8]. Spjegat li fid-29 ta' Jannar 2024 ghall-habta tal-17:00 hija kienet xoghol fil-hanut Diesel flimkien ma kollega jisimha Maria Camilla u dahal persuna fil-hanut u staqsa l-ewwel ghal jogging pants u imbaghad ghal zarbun. Dahal fil-*fitting room* izda innutaw li kien qed idum hafna u ma kienx jidher li qed jipprova l-oggetti. Intant indunaw li kien hemm par zarbun nieqes. Eventwalment talbuh jurihom x'ghandu fil-basket izda sar aggressiv u ghadda kiex kisser lampa u mejda li kien hemm fil-hanut. Il-kollega taghha Giorgio Pidatella kien hdejn il-bieb biex ma jhallihx johrog izda aggredih u kisser ukoll l-electronic alarm ta' hdejn il-bieb. Ix-xhud gharfet lill-imputat fl-awla bhala l-aggressur.

[7] Fol. 30-35 tal-atti processwali
[8] Fol. 37-39 tal-atti processwali

Fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024 xehed **Leonard Cassar**[9], direttur tal-kumpanija Raka Limited li tmexxi l-hanut in kwistjoni. Kien imsiefer meta gara dan l-incident izda ra l-filmat CCTV. Xi jiem wara, kien fil-hanut Diesel ta' Tas-Sliema u nnota persuna suspettuza fuq bank quddiem il-hanut b'xi basktijiet, gharaf ukoll li kellu z-zarbun li kien insteraq mill-hanut tal-Belt. Kien pront cempel ghall-assistenza tal-Pulizija u fil-fatt gie arrestat. Gharaf lill-dan l-istess persuna bhala l-imputat fl-awla. Ix-xhud iprepara elenku tal-valuri tal-oggetti misruqa u/jew danneggjati li jlahhqu valur ta' **€5,778**.[10] Sa dak il-punt kien ghadu ma rkupra xejn tramite l-assikurazzjoni. In kontro-ezami spjega li ghat-tiswija tal-electronic alarm gab kwotazzjoni u fir-rigward tal-mejda, ghalkemm inkisret biss il-hgiega, qed jitlob il-prezz kollu ghax gie nfurmat li l-hgiega *out of production* u allura ser ikollu jibdel il-mejda b'kollox. Ix-xhud esebixxa sensiela ta' dokumenti in sostenn tal-valur shih li soffra.

Fl-istess seduta xehed **PC 956 Justin Buhagiar**, stazzjonat RIU[11]. Ikkonferma li fil-5 ta' Frar 2024 kien involut fl-arrest tal-imputat Johan Armando Sanchez Arias minn pjazza Sant' Anna f'Tas-Sliema. Fuq il-post gie muri min hu l-persuna minn haddiema tal-hanut Diesel u partikolarment ingharaf miz-zarbun li kien liebes, ghax kien ghadu kemm gie misruq mill-hanut tal-Belt. L-imputat ma rrezistiex l-arrest u imbaghad gie mghoddi lill-Pulizija tad-distrett.

Fl-istess seduta xehed **PC 1431 William Galea**, stazzjonat RIU[12]. Flimkien max-xhud precedenti huwa ukoll kien involut fl-arrest tal-imputat. Ikkonferma li huwa gharaf lill-imputat skont id-deskrizzjonijiet moghtija u ta s-soliti drittijiet lill-imputat, li minn naha tieghu kien kooperattiv. Gie imbaghad mghoddi lill-

[9] Fol. 41-46 tal-atti processwali
[10] Dok LC1, Folio 47-52 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 53-54 tal-atti processwali
[12] Fol. 55-57 tal-atti processwali

pulizija tad-distrett. In kontro-ezami spjega li meta gie arrestat, l-imputat kellu zewg basktijiet izda f'dak il-mument tal-arrest ma saritx tfittxija fihom.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2024 xehed **PC 70 Aidan Theuma**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta[13]. Spjega li fil-5 ta' Frar 2024 huwa flimkien ma PC 436 Charles Degiorgio gabru lill-imputat mill-Ghassa ta' Tas-Sliema u haduh l-Ghassa tal-Belt Valletta. Hemm saret tfittxija fuqu u nstab zarbun tal-marka Diesel li kien konness mal-kaz taht investigazzjoni.

Fl-istess seduta xehed **PC 436 Charles Degiorgio**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta[14] li kkonferma li fil-5 ta' Frar 2024 huwa flimkien ma PC 70 Aidan Theuma gabru lill-imputat mill-Ghassa ta' Tas-Sliema u haduh l-Ghassa tal-Belt Valletta.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2024 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**, espert nominat mill-Qorti nhar it-12 ta' Marzu 2024 sabiex jeleva fotogammi mill-filmati CCTV ipprovduti mill-hanut derubat[15]. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.[16]

Fis-seduta tad-9 ta' April 2024 xehed **l-Ispettur Daryl Borg**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta[17] li spjega li fid-29 ta' Jannar 2024 tard wara nofsinhar gie infurmat minn PS 469 li kien dahal rapport minn Giorgio Pidatella u Mayra Aukeb Benejam dwar serqa mill-hanut Diesel fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, f'liema serqa intuzat ukoll il-vjolenza u l-oggetti misruqa kienu jilhqu valur ta' cirka €300. Minn naha tieghu, ix-xhud kien ha l-istqarrija tal-persuna responsabbli, li gie identifikat bhala Johan Armando Sanchez Arias. L-istqarrija

[13] Fol. 59-61 tal-atti processwali
[14] Fol. 62-63 tal-atti processwali
[15] Fol. 65 tal-atti processwali.
[16] Dok SFS, Folio 66-151 ta' l-atti processwali
[17] Fol. 154 tal-atti processwali.

ittiehdet nhar is-6 ta' Frar 2024 wara li l-imputat inghata d-debiti twissijiet. Huwa ghazel li ma jwegibx mistoqsijiet relatati mal-incidenza in ezami.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija[18] tal-imputat ittiehdet mill-Ispettur Daryl Borg nhar is-6 ta' Frar 2024 fil-prezenza ta' PC 443 Chris Bonello u PC 712 Kieran Zarb wara li inghata d-debiti twissijiet u ghazel li jikkonsulta ma avukat. Ikkonferma li kien fl-istabbiliment Diesel fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta u li jiftakar li kien kisser linfa hemm izda ghazel li ma jwiegibx meta mistoqsi jekk kienx seraq mill-imsemmi hanut. Mill-banda l-ohra, jinnega li wegga' impjegat tal-hanut. Jikkonferma li dispost ihallas tal-hsarat ikkawzati.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tressqu**

Il-prosekuzzjoni flimkien max-xhieda li tressqu ipprezentaw fl-atti tal-kawza r-rapport ta' l-incident li ghandu r-referenza 1/POL/314/2024.[19] Dan ir-rapport sar nhar id-29 ta' Jannar 2024 fejn gie rapportat gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta minn certu Giorgio Pidatella li sar serq min gewwa l-istabiliment Diesel fejn hu kien impjegat. Fir-rapport hemm deskrizzjoni tal-persuna li wettaq is-serqa u ta' l-oggetti li seraq. Fir-rapport hemm imsemmi wkoll li l-imputat aggreddixxa persuna ohra certa Marya Ailen Benejam.

Il-persuna li seraq huwa deskritt bhala *"a young male in his 30s, with a dark complexion and tall stature. He was observed wearing a black backpack, a black jacket, black trousers, and black and white shoes."*

---

[18] Fol 9-10 tal-atti processwali
[19] Dok FB3, Folio 11-13 ta' l-atti processwali

Illi fir-rapport hemm indikat li mil-filmati li ngabru mill-isabiliment in kwistjoni inqabad ix-xena ta' kif sehh l-incident inkluz is-serqa u l-hsara li ghamel.

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku mahrug mic-centru tas-sahha gewwa l-Floriana nhar id-29 ta' Jannar 2024 a favur ta' Giorgio Pitadella mit-tabib Dr. Patrick Huhn MD.[20] Illi dan ic-certifikat jikonstata li l-pazjent sofra griehi hfief u hemm indikat li l-pazjent stqarr *"claims to have been attacked by shoplifter while at work."*

Il-prosekuzzjoni pprezentat ukoll stima ta' hsarat u valur ta' l-oggetti misruqa mil-istabiliment Diesel.[21] Illi din l-istima tindika li l-valur totali huwa ta' hames telef, sitt mija, tlieta u ghoxrin Euro (€5,623.00).

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kaz fil-seduta tal-21 ta' Mejju 2024. Il-prosekuzzjoni sottolineat li hemm tlett akkuzi: serq bi vjolenza, hsara volontarja u griehi hfief u tghid li l-imputat mhux kredibbli ghax fl-istqarrija jikkontradixxi lilu nnifsu u ghad-domanda saljenti ghazel li ma jwiegibx. Tirreferi ukoll ghall-filmati CCTV u tishaq minhabba li dawn huma cari hafna, jikkostitwixxu prova qawwija hafna. Dan apparti li l-imputat intgharaf minn diversi xhieda viva voce. Id-difiza tishaq li l-imputat ghadu dispost li jikkumpensa tal-hsarat li graw izda tikkontesta certi fatturi ezebiti mix-xhud Leonard Cassar minhabba li jista' jkun li dak li qed jintalab huwa eccessiv u ma inghatatx indikazzjoni l-oggetti danneggjati kemm kellhom zmien.

[20] Dok FB5, Folio 15 ta' l-atti processwali
[21] Dok FB6, Folio 16 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat primarjament tali ikometta serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u bil-hin.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[22].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(a)(b)(c) u (f) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-vjolenza, valur, mezz u hin. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

[22] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Skond il-Kodici Kriminali, l-aggravju tal-vjolenza issir skont il-kwalifiki ta' l-artikolu 262(1) tal-Kodici Kriminali u li huwa bizejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex ighin il-konsumazzjoni tad-delitt.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-rapport ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco hemm numru ta' *stills* li juru d-dinamika ta' l-incident. L-imputat jidher b'mod car fil-filmat stante li wiccu mikxuf u d-direzzjoni tal-filmat mhiex il-bod minnu. Fil-filmat l-imputat qed jidher jagreddixxi persuna maskili gewwa l-hanut u jidhru li gew fl'idejn. L-istess imputat jidher ukoll igorr oggetti f'idejh hekk kif deskritt mix-xhieda. Jidher ukoll li ghat-tieni darba l-imputat agreddixxa persuna maskili waqt li kien qed jipprova jahrab mil-hanut filwaqt li nies ohra kienu qed jippruvaw jintervjenu waqt dan il-kunflitt. Mil-filmat jidher b'mod car kif waqt l-aggressjoni biex jahrab ikaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Giorgio Pitadella. Illi dan huwa wkoll ikorroborat b'ritratt fejn jidher ticpis hamrani u grif fuq ghonqu.[23]

Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni ma resqitx it-tabib Dr. Patrick Huhn sabiex jikkonferma c-certifkat mediku, minn dak li jemergi mill-filmati li kienu ukoll ikkoroborati mix-xhieda, din il-Qorti hija konvinta li t-tieni akkuzat giet ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi mil-filmati jidher ukoll kif l-imputat ghamel hsara gewwa l-istabiliment u kisser il-hgieg meta tefa oggett li kkaguna l-ksur tal-hgieg.

Mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta ukoll li l-imputat jikkonferma li kien dahal gewwa haunt tal-hwejjeg gewwa Triq il-Merkanti l-Belt bl-isem 'Diesel'. Meta kien mistoqsi dwar il-hsarat gewwa l-hanut jistqarr li *"Yes, it wasn't my intention*

[23] Folio 146 ta' l-atti processwali

*but I remember breaking a chandelier."* Fl-istess stqarrija jikkonferma wkoll li huwa lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat li huwa sofra.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li mix-xhieda li nstemghu, il-provi li intressqu u anke mir-risposti ta' l-imputat stess waqt it-tehid ta' l-istqarrija tieghu l-ewwel tlett imputazzjonijiet huma ampjament ippruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[24], li hija waha wahda netta, ghall-anqas f'dak li huwa z-zmien li huwa ilu jghix f'Malta.

- Illi l-vittmi ma gewx kompensati tal-hsarat li soffrew u ghaldaqstant din il-Qorti sejra taghmel Ordni ta' Kumpens.

- Il-Qorti tqis li l-imputat huwa ta' periklu ghas-socjeta u l-piena ghandha tkun wahda karcerarja

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b); 221, 261(a), 262(1)(2), 274(d), 276 u 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Johan Armando Sanchez Arias **hati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sena (1) wahda millum li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

---

[24] Fol. 14 ta' l-atti processwali

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati **ihallas** is-somma ta' hamsa u disghin Ewro (€95) lill Giorgio Pidatella, lil istabiliment 'Diesel' gewwa Triq il-Merkanti, il-Belt u/jew is-sidien taghhom is-somma ta' hamest elef, sitt mija, tlieta u tmenin Ewro (€5,683). Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Illi li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dawn l-ammonti jistghu jithallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200) kull xhar bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xhar wara li jiskonta l-piena karcerarja. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Johan Armando Sanchez Arias taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` **elf ewro** (€1,000) mid-data tar-remissjoni tal-piena karcerarja.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Giorgio Pidatella ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

**Komunika:** Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Johan Armando Sanchez Arias **ihallas lir-Registratur tal-Qorti** l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' tmien mija, seba u

erbghin Euro u sbatax il-centezmu (€ **847.17**) rapprezentanti spejjez ta' l-espert mahtur Dr. Steven Farrugia Sacco.[25]

**Moghtija illum nhar it-18 ta' Gunju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**

[25] Folio 72 ta' l-atti processwali